



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2013/2031(REG)

10.7.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar l-emenda għall-Artikolu 7 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament
(2013/2031(REG))

Rapporteur għal opinjoni: Klaus-Heiner Lehne

PA_REG

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 5 – paragrafu 5a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

1a. L-immunità parlamentari mhijiex privileġġ personali tal-Membri, iżda garanzija ta' indipendenza tal-Parlament bħala Istituzzjoni u tal-Membri tiegħu.

Emenda 2

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 6 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

Emenda

1. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' privileġġi u immunitajiet, il-Parlament ***għandu qabel kollox*** iħares l-integrità tiegħu bħala assemblea leġislattiva demokratika u jiżgura l-indipendenza tal-Membri tiegħu fil-qadi ta' dmirijiethom.

1. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' privileġġi u immunitajiet, il-Parlament ***jaġixxi*** biex iħares l-integrità tiegħu bħala assemblea leġislattiva demokratika u jiżgura l-indipendenza tal-Membri tiegħu fil-qadi ta' dmirijiethom. ***Kull talba għat-tneħħija tal-immunità hija valutata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 7, 8 u 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea u skont il-prinċipji indikati f'dan il-paragrafu.***

Emenda 3

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 6 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

Emenda

2. Kull talba indirizzata lill-President minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru sabiex titneħħa l-immunità ta' xi Membru għandha tiġi mħabbra fil-Parlament u rriferuta lill-kumitat responsabbli. *imħassar*

Ġustifikazzjoni

Dan it-test ikun aħjar jekk jitqieħed fir-Regola 7 li tkopri l-mistoqsijiet ta' proċedura.

Emenda 4

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 6 – paragrafu 3**

Test fis-seħħ

Emenda

3. Kull talba indirizzata lill-President minn Membru jew ex-Membru biex jiddefendi privileġġi u immunitajiet għandha tiġi mħabbra fil-Parlament u rriferuta lill-kumitat responsabbli. *imħassar*

Ġustifikazzjoni

Dan it-test ikun aħjar jekk jitqieħed fir-Regola 7 li tkopri l-mistoqsijiet ta' proċedura.

Emenda 5

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 6 – paragrafu 4**

Test fis-seħħ

Emenda

4. F'każ ta' urġenza, f'ċirkustanzi fejn Membru jiġi arrestat jew fejn tinżamm il-libertà ta' moviment tiegħu bi ksur apparenti tal-privileġġi u l-immunitajiet tiegħu, il-President, wara li jkun ħa l-parir tal-president u tar-rapporteur tal-kumitat responsabbli, jista' jieħu *imħassar*

inizjattiva biex jikkonferma l-privileġġi u l-immunitajiet tal-Membru kkonċernat. Il-President għandu jinnotifika lill-kumitat b'dik l-inizjattiva u jgħarraf lill-Parlament.

Ġustifikazzjoni

Dan it-test ikun aħjar jekk jitqieħed fir-Regola 6 b li tkopri s-sitwazzjoni ta' urġenza.

Emenda 6

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 6 – paragrafu 5 (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

5. Meta jkun meħtieġ li Membru jidher bħala xhud jew li jixhed bħala espert, ma jkunx hemm għalfajn issir talba għat-tneħħija ta' l-immunità kemm-il darba:

- il-Membru ma jkunx obligat jidher f'data jew f'ħin li ma jippermettulux li jaqdi - jew joħlqu diffikultà biex jaqdi - id-dmirijiet parlamentari tiegħu, jew kemm-il darba jkun jista' jipprova stqarrija bil-miktub jew f'kull forma oħra li ma toħloqlux diffikultà fit-twettiq tad-dmirijiet parlamentari tiegħu;

- il-Membru ma jkunx obligat li jixhed dwar informazzjoni miksuba b'mod kunfidenzjali fil-qadi tal-mandat tiegħu u li hu ma jkunx iħoss li għandu jagħti.

Ġustifikazzjoni

Dan it-test tneħħa mir-Regola 7, billi għandu x'jaqsam mal-kwestjoni ta' jekk talba għat-tneħħija tal-immunità hi neċessarja wkoll fil-każijiet fejn Membru jitħarrek bħala xhud.

Emenda 7

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 6a (ġdid)

Regola 6 a – Id-difiża tal-immunità

1. Fil-każijiet fejn il-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru jew xi ħadd li kien Membru jiġi allegat li jkunu nkisru mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, it-talba tista' ssir għal deċiżjoni tal-Parlament jekk filfatt kienx hemm ksur ta' dawk il-privileġġi u l-immunitajiet u dan skont ir-Regola 7(-1).

2. B'mod partikolari, talba bħal din għad-difiża tal-privileġġi u l-immunitajiet tista' ssir jekk jitqies li ċ-ċirkostanzi jikkostitwixxu restrizzjoni amministrattiva jew restrizzjoni oħra impost fuq il-moviment liberu tal-Membri li jivvjaġġaw lejn il-lok tal-laqgħa tal-Parlament, jew lura minnu, jew fuq opinjoni espressa jew vot mixħut fil-qadi tal-mandat jew tkun tinkwadra ruħha fl-aspetti tal-Artikolu 9 tal-Prokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.

3. Talba għall-ħarsien tal-privileġġi u tal-immunitajiet ta' Membru mhijiex ammissibbli jekk għall-istess proċedimenti legali tkun intlaqgħet talba għal tneħħija jew ħarsien tal-immunità tal-Membru, indipendentement mill-fatt li f'tali okkażjoni tkunx ttieħdet deċiżjoni jew le.

4. Talba għall-ħarsien tal-privileġġi u tal-immunitajiet ta' Membru ma tiġix eżaminata aktar jekk intlaqgħet talba għat-tneħħija tal-immunità tal-imsemmi Membru fir-rigward tal-istess proċediment ġudizzjarju.

5. Fil-każ fejn tkun ittieħdet deċiżjoni li ma tkunx difiża tal-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru, il-Membru jista' jagħmel talba għal rikonsiderazzjoni tad-deċiżjoni, billi jippreżenta evidenza ġdida. It-talba għar-rikonsiderazzjoni tkun inammissibbli jekk il-proċedimenti jkunu ġew istitwiti kontra d-deċiżjoni skont it-termini tal-Artikolu 263 TFUE,

***jew jekk il-President iqis li l-evidenza l-
ġdida sottomessa ma tkunx
suffiċjentement sostanzjata biex twassal
għal rikonsiderazzjoni.***

Ġustifikazzjoni

L-iskop ta' din l-emenda hu li tiddaħħal regola ġdida li tkun tkopri t-talba għad-difiża tal-immunità parlamentari, u li tippreskrivi l-prinċipji bażilari marbutin mal-istess. Tipprova tipprevjeni l-użu ta' talbiet ripetuti għad-difiża tal-immunità bħala tattika ta' dewmien. Barra minn hekk, tikkjarifika x'għandu jsir fil-każijiet meta t-talba kemm għat-talba kemm għad-difiża jsiru kwantu l-istess fatti.

Emenda 8

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 6b (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

Regola 6 b – Azzjoni urġenti mill- President għad-difiża tal-immunità

1. F'każ ta' urġenza, f'ċirkustanzi fejn Membru jiġi arrestat jew fejn tinżamm il-libertà ta' moviment tiegħu bi ksur apparenti tal-privileġġi u l-immunitajiet tiegħu, il-President, wara li jkun ħa l-parir tal-president u tar-rapporteur tal-kumitat responsabbli, jista' jieħu inizzjattiva biex jikkonferma l-privileġġi u l-immunitajiet tal-Membru kkonċernat. Il-President għandu jinnotifika lill-kumitat b'dik l-inizzjattiva u jgħarraf lill-Parlament.

2. Meta l-President jagħmel użu mis-setgħat mogħtija lill-paragrafu 1, il-kumitat responsabbli jieħu konjizzjoni tal-inizzjattiva tal-President fil-laqgħa tiegħu li jkun imiss. Jekk il-kumitat iħoss li huwa meħtieġ, dan jista' jħejji rapport biex jiġi mressaq quddiem il-Parlament.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ddaħħal Regola 6 b ġdida li tkun tkopri s-sitwazzjonijiet ta' emerġenza, ħalli

jkun hemm kjarazza akbar. Din l-emenda ma ddaħħal l-ebda bidliet sostanzjali.

Emenda 9

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 7 – paragrafu -1 (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

-1. Awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tindirizza talba lill-President li l-immunità ta' Membru titneħħa u li Membru jew xi ħadd li kien Membru jista' jindirizza talba lill-President għad-difiża tal-privileġġi u l-immunitajiet. Tali talbiet jiħabbbru fil-Parlament u jiġu riferuti lill-kumitat responsabbli.

Ġustifikazzjoni

Dan hu paragrafu ġdid li jfisser l-ewwel pass tal-proċedura, billi jieħu post r-Regola 6(2) u r-Regola 6(3) dwar il-proċeduri ta' tneħħija u ta' difiża rispettivament, mingħajr ma jsiru bidliet fis-sostanza.

Emenda 10

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 7 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

Emenda

1. Il-kumitat ***responsabbli*** għandu jikkunsidra mingħajr dewmien ***u skond l-ordni li fih tressqu t-talbiet*** għat-tneħħija ta' l-immunità jew it-talbiet għall-ħarsien ta' l-immunità u tal-privileġġi.

1. Il-kumitat għandu jikkunsidra mingħajr dewmien ***imma billi titqies il-komplessità relattiva tagħhom it-talbiet*** għat-tneħħija ta' l-immunità jew it-talbiet għall-ħarsien ta' l-immunità u tal-privileġġi.

Ġustifikazzjoni

Fil-prattika, invista tad-differenza fil-komplessità teknika tal-każijiet ta' immunità, ma jkunx dejjem possibbli li jiġu ttrattati t-talbiet f'ordni strettament kronoloġiku. ppplikazzjoni stretta ta' din ir-regola tkun t'fisser li każijiet sempliċi jiddewmu għalxejn minħabba fil-każijiet komplessi. Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jrid jittratta l-każijiet kemm jista' jkun malajr, imma jeħtieġ xi diskrezzjoni għar-rigward tat-tempistika rispettiva tal-każijiet.

Emenda 11

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 7 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

3. Il-kumitat jista' jitlob lill-awtorità kkonċernata għal informazzjoni jew spjegazzjoni li l-kumitat iqis li hija meħtieġa sabiex ikun jista' jiffirma opinjoni dwar għandhiex l-immunità tiġi mneħħija jew imħarsa. ***Il-Membru kkonċernat għandu jingħata l-opportunità li jinstema', jista' jippreżenta dokumenti jew evidenza bil-miktub li jħoss li huma meħtieġa. Huwa jista' jkun rappreżentat minn membru ieħor.***

Emenda

3. Il-kumitat jista' jitlob lill-awtorità kkonċernata għal informazzjoni jew spjegazzjoni li l-kumitat iqis li hija meħtieġa sabiex ikun jista' jiffirma opinjoni dwar għandhiex l-immunità tiġi mneħħija jew imħarsa.

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet dwar is-semiġh għandhom jitqiegħdu f'paragrafu ġdid, aktar iddettaljat.

Emenda 12

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

3a. Il-Membru kkonċernat għandu jingħata l-opportunità li jinstema', jista' jippreżenta dokumenti jew evidenza bil-miktub li jħoss li huma meħtieġa. Huwa jista' jkun rappreżentat minn membru ieħor.

Il-Membru ma jkunx preżenti matul id-dibattiti dwar it-talba għat-tneħħija jew id-difiża tal-immunità tiegħu, ħlief għas-smiġh innifsu.

Il-President tal-Kumitat jistieden lill-Membru jinstema', billi jindika d-data u l-ħin. Il-Membru jista' jċedi jeddu li

jinstema'.

Jekk il-Membri ma jmurx għas-smiġ wara dik l-istedina, titqies li ċeda dak il-jedd li jkun mismuġ, sakemm ma jitolb li jkun skużat mis-smiġ f'dik id-data u ħin kif proposti, u jagħti r-raġunijiet. Il-President tal-kumitat hu l-unika awtorità li għandha s-setgħa tiegħu deċiżjoni dwar jekk tali talba li dak li jkun ikun skużat tintlaqax fid-dawl tar-raġunijiet mogħtijin, u ma jkun permess l-ebda appell fuq dan il-punt.

Jekk il-President tal-Kumitat jilqa' t-talba għall-iskuża, allura jistieden lill-Membri jinstema' f'data u ħin ġodda. Jekk il-Membri jonqos li jimxi mat-tieni stedina li jinstema', il-proċedura tissokta mingħajr ma jinstema' l-Membri. bda talba oħra għal skuża, jew għas-smiġ, ma tintlaqa' minn dan l-istadju 'l quddiem.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tikkonċerna jedd il-Membri li jinstemgħu fil-każijiet ta' immunità. Ir-raġuni għall-kjarifiki hi li l-Membri individwali fl-imgħoddi abbużaw minn jeddhem għal smiġ, billi użah bħala għodda ħalli jtawlu l-proċedimenti u jipprevjenu lill-Parlament milli jasal għal deċiżjoni. menda għandha l-iskop li tiżgura li l-Membri jinstemgħu, imma li ma jkunux jistgħu ripetutament jipposponu s-smiġ bil-ħsieb li jimblukaw il-proċedimenti għudizzjarji kontra tagħhom. Il-President qed jingħata s-setgħat jipprevjenti tali dewmien mhux ġustifikat.

Emenda 13

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 7 – paragrafu 5

Test fis-seħħ

Emenda

5. Meta jkun meħtieġ li Membri jidher bħala xhud jew li jixhed bħala espert, ma jkunx hemm għalfejn issir talba għat-tneħħija ta' l-immunità kemm-il darba:

imħassar

- il-Membri ma jkunx obbligat jidher f'data jew f'ħin li ma jippermettulux li jaqdi - jew johlqulu diffikultà biex jaqdi -

id-dmirijet parlamentari tiegħu, jew kemm-il darba jkun jista' jipprova stqarrija bil-miktub jew f'kull forma oħra li ma toħloqlux diffikultà fit-twettiq tad-dmirijet parlamentari tiegħu;

- il-Membru ma jkunx obligat li jixhed dwar informazzjoni miksuba b'mod kunfidenzjali fil-qadi tal-mandat tiegħu u li hu ma jkunx iħoss li għandu jagħti.

Ġustifikazzjoni

Dan il-paragrafu għandu jitqiegħed fir-Regola 6 billi għandu x'jaqsam mal-kwestjoni jekk talba għal tneħħija tal-immunità hijiex rikjesta fil-każijiet fejn il-Membru jitħarrku bħala xhieda.

Emenda 14

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 7 – paragrafu 6

Test fis-seħħ

Emenda

6. F'każi li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien ta' l-immunità jew tal-privileġġi, il-kumitat għandu jiddikjara jekk iċ-ċirkustanzi jkunux jikkostitwixxu xkiel amministrattiv jew xkiel ieħor mqiegħed għall-moviment ħieles tal-Membri li jivvjaġġaw lejn jew mill-postijiet fejn jiltaqa' l-Parlament jew opinjoni espressa jew vot mitfugħ fit-twettiq tal-mandat jew li jaqgħu fi ħdan l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar Privileġġi u Immunitajiet li ma jidħlux fl-ambitu tal-liġi nazzjonali, u għandu jagħmel proposta sabiex l-awtorità konċernata tiġi mistiedna tasal għall-konklużjonijiet meħtieġa.

imħassar

Ġustifikazzjoni

Dan il-paragrafu għandu jitqiegħed fir-Regola 6 a, billi għandu x'jaqsam mal-kriterji bażilari għad-difiża tal-immunità ta' Membru.

Emenda 15

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 7 – paragrafu 10

Test fis-seħħ

Emenda

10. Meta l-President jagħmel użu mis-setgħat mogħtija lill mill-Artikolu 6(4), il-kumitat responsabbli għandu jkun jaf bl-inizjattiva tal-President fil-laqgħa tiegħu ta' wara. Jekk il-kumitat iħoss li huwa meħtieġ, dan jista' jħejji rapport biex jiġi mressaq quddiem il-Parlament.

imħassar

Ġustifikazzjoni

Dan il-paragrafu għandu jitqiegħed fir-Regola 6 b, billi għandu x'jaqsam mas-setgħat tal-President f'każijiet urġenti.

Emenda 16

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 7 – paragrafu 7a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

12a. Il-Kumitat ifassal il-prinċipji għall-applikazzjoni ta' din ir-Regola.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	9.7.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 19 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne, Antonio López-Istúriz White, Antonio Masip Hidalgo, Jiří Maštálka, Bernhard Rapkay, Rebecca Taylor, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Piotr Borys, Eva Lichtenberger, Axel Voss
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jörg Leichtfried, Anna Záborská